SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IS-SEBA’ KUNSILL

**LAQGĦA NUMRU 13-16**

Illum it-Tnejn, 21 ta’ Marzu 2016.

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-4.00p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTA SILENZJU**

Il-Kunsilliera Caroline Galea issuġerit li ssir minuta silenzju b’turija ta’ rispett għal mewt tal-Eċċellenza Tiegħu Arċisqof Emeritus Joseph Mercieca. Il-Kunsill qabel u s-Sindku, s-Sur Terrence Ellul, irringrazzja lis-Sinjura Galea tas-suġġeriment tagħha.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru CM11-16 li saret nhar l-Erbgħa, 17 ta’ Frar 2016 u l-Minuti tal-Laqgħa numru CM12-16 li ġiet imsejħa b’urġenza u saret nhar is-Sibt 29, ta’ Frar 2016 ġew moqrija u approvati.

## *1.1 Mill-Minuti 11-16(17-02-2016)*

### *1.1.1 Ċint fil-Jogging Track*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għal minuta 1.1.7 tal-laqgħa preċedenti u għaċ-ċint li nbena mar-rampa li mill-Jogging Track tagħti għat-Triq tal-Barrani. Huwa qal li dan iċ-ċint huwa *eye-sore*. Is-Sindku qal li peress li għoliet ir-rampa bilfors kellu jogħla ċ-ċint. Mistoqsi dwar il-bżonn li tinħarat il-ħamrija, s-Sindku qal li diġa hemm il-ftehim biex dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-ELC Ltd.

### *1.1.2 Ċint fi Triq Klematis*

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għal minuta 1.1.1 tal-laqgħa preċedenti u staqsa kienx hemmx xi żvilupp dwar iċ-ċint li kellu jsir mill-ħaddiema ta' l-IPSL. Is-Sindku qal li l-ħaddiema tal-IPSL bħalissa għandhom ħafna xogħol.

### *1.1.3 Floodlights mal-bini tal-Knisja*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għall-minuta 4.6 tal-laqgħa preċedenti u qal lil-bozza l-ħamra li hemm fuq il-kopla tal-knisja ukoll ma tixgħelx. Is-Sindku qal li l-problema tal-*floodlights* qed jaħdem fuqha il-kuntrattur Nexos.

### *1.1.4 Katusa fi Triq iċ-Ċikwejra*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għal minuta 8.1 tal-laqgħa preċedenti u qal li xtaq jiċċara li l-katusa fi Triq Ċinenarja mhux żdiedet imma inbidlet u saret oħra aktar wiesgħa biex tleħħaq mal-ilma tax-xita.

### *1.1.5 CCTV Cameras*

Il-Kunsillier Bonello irrefera għal minuta 9 tal-laqgħa preċedenti li kienet tirrigwarda –CCTV Cameras fil-Playing Field u semma l-inizjattiva li qed tieħu Trasport Malta biex tinstalla CCTV Cameras fis-*subways*. Saret referenza għall-abbużi li jsiru fis-*subway* taħt Triq Tal-Barrani u qamet diskussjoni dwar jekk il-*gate* għandiex tingħalaq fl-4.00p.m u terġa tinfetaħ filgħodu għat-tfal tal-iskola jew jekk għandiex tinżamm miftuħa lejl u nhar. Il-Viċi Sindku qal li f'każ li jkun hemm inċident tat-traffiku fi Triq tal-Barrani fil-ħin li l-*gate* tkun magħluqa, ir-responsabbilta' tista' taqa' fuq min ikun ħa d-deċiżjoni li jagħlaq il-*gate* tas-*subway*. Is-Sindku rrimarka li fi Triq tal-Barrani hemm ukoll it-Traffic Lights minn fejn wieħed jista' jaqsam mingħajr periklu.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-Erbgħa, 17 ta' Frar 2016 u t-Tnejn, 21 ta' Marzu 2016 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0250-16-O – Lino Micallef – SLLC Q(57-16-01) *Street Sweeping and Cleaning Services in an Environmentally Friendly Manner*
- 0252-16-O – Owen Borg - SLLC Q(57-16-01) *Street Sweeping and Cleaning Services in an Environmentally Friendly Manner*
- 0331-16-O – Trasport Malta – *Keep Clear* u *Reserved Parking* fi Triq il-Ġnien
- 0354-16-O – Owen Borg – Ħmieġ fil-latrina ta' ħdejn il-Ġnien Ċiniż

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0253-16-I – Uffiċċju tal-Prim Ministru – Laqgħa mal-Kummissarju għas-Simplifikazzjoni u Tnaqqis ta' Burokrazija
- 0269-16-I – Librara fil-Librerija Pubblika f'Santa Luċija – talba għal bdil fil-ħinijiet tal-ftuħ
- 0284-16-I - Kunsillier Joe Bonello – Sotto Kumitat
- 0291-16-I – Klabb tal-Boċċi – Kiri ta' tabelli għar-riklamar
- 0297-16-I – Trasport Malta – applikazzjoni għal *reserved parking* fi Triq Kaħwiela
- 0303-16-I – Kunsillier Liam Sciberras – mistoqsijiet
- 0321-16-I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – *European Youth Event*
- 0335-16-I – St John's Rescue Corps – *Informative Session on Home Fire Safety*

- 0348-16-I – Kunsill Lokali Paola – *Street Lighting* fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa
- 0352-16-I – Residenta – Skeda ta' Knis u Tindif ta' Toroq
- 0353-16-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – ERDF-*Priority Axis 4 (Low Carbon Economy) u Priority Axis 5 (Environment)*

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- ***Down Syndrome Association Malta – World Down Syndrome Day***
- ***Ministeru Għall-Familja u Solidarjeta Soċjali –*** *Użu ta' Alkaħol u Droga f'Malta 2013*
- **SLLC Memo 04-2016 -** Kommunikazzjonijiet Importanti
- **SLLC Memo 05-2016 -** SLLC Memo 4-2016 – Jogging Track
- **SLLC Memo 06-2016 -** Meeting ma' Gal Xlokk
- **SLLC Memo 07-2016 -** Ħarġa għaż-Żgħażagħ
  - Kors dwar l-AED
- **SLLC Memo 08-2016 -** Servizz ta' *security* fi Gnien is-Serenita' għal nhar il-Ħadd, 20 ta' Marzu 2016

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0253-16-I il-Kunsill ġie nfurmat dwar laqgħa mal-Kummissarju għas-Simplifikazzjoni u Tnaqqis ta' Burokrazija li ser issir nhar it-3 ta' Mejju 2016 li matulha l-Kunsill qed jintalab irressaq idejat u sitwazzjonijiet li hemm il-bżonn li jaħdmu fuqhom. Saru xi suġġerimenti bħal kif wieħed iġib iċ-ċertifikati tal-mgħamudija u li dawn jistgħu jsiru mill-Kunsilli Lokali. Kopja ta' din il-korrisondenza reġgħet inbgħatet lill-membri tal-Kunsill biex jikkonfermaw jekk jistgħux jattendu u jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom ħalli jiġu illistjati u ppreżentati matul il-laqgħa mal-Kummissarju.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0269-16-I il-Kunsill laqgħa talba tal-librara tal-librerija pubblika ta' Santa Luċija biex fix-xhur tax-xitwa, kull nhar ta' Tnejn, il-librerija tiftaħ fis-siegħat ta' filgħodu bejn id-9.00a.m u l-11.00a.m minflok

filgħaxija bejn l-4.00p.m u s-6.00p.m.  Għandhom isiru l-avviżi neċessarji għar-residenti.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 284-16-I il-Kunsillier Joe Bonello qal li xtaq iwaqqaf sotto-kumitat Oqsma Kommunitarji u qal li xtaq jinnomina lis-Sinjura Jane Pace bħala membru ta' dan is-sotto kumitat li tiegħu hu kien ser ikun ic-Chairperson.  Ġie nutat li fil-liġi hemm stabbilit l-anqas numru ta' membri biex ikun jista' jitwaqqaf sotto-kumitat.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0291-16-I saret referenza għal kiri ta' spazju għall-avviżi li l-Kunsill jikri mill-Klabb tal-Boċċi.  Il-Kunsill qabel li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet għall-istampar ta' dawn l-avviżi skond id-daqs stabbilit u l-kwotazzjoni li tintalab għandha tkun sew dik li tinkludi l-*artwork* kif ukoll jekk l-*artwork* jingħata lest mill-Kunsill.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 297-16-I il-Kunsill innota li Trasport Malta ma laqgħatx talba għal *reserved parking* fi Triq Kaħwiela minħabba l-fatt li l-persuna b'disabilita' li applikat għandha garaxx.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 303-16-I il-Kunsill iddiskuta *e-mail* tal-Kunsillier Liam Sciberras fir-rigward ta' bżonn ta' tiswija fit-*netting* ta' madwar il-5-a-side Football Pitch u fir-rigward tar-rampa tal-*parking area* ta' ħdejn il-każin tal-PN biex din titbaxxa għax qed tikkawża ħsarat fil-karozzi.  Is-Sindku qal li in-*netting* ser jissewwa mill-ħaddiema tal-ETC u fir-rigward tar-rampa għandu jintalab parir tekniku mill-perit tal-Kunsill.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0321-16-I saret referenza għal Cirkulari 5-2016 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn saret stedina lill-Kunsilliera ta' 30 sena jew anqas biex jattendu għall-European Youth Event.  Il-Kunsill ġie nfurmat lill-Kunsillier Liam Sciberras ġie magħżul biex jattendi għal din l-attivita.  Il-Kunsill qabel li jawtorizza l-ħlas ta' €270.00 biex il-Kunsillier Liam Sciberras ikun jista' jipparteċipa fil-European Youth Event li ser isir f'Mejju fi Strasburgu, Franza.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 335-16-I il-Kunsill qabel li jilqa' l-inizjattva ta' St John's Rescue Corps biex issiru laqgħat informattivi dwar il-*Home Fire Safety* lir-residenti.  Il-Kunsill qabel li dawn ssir sezzjoni mal-anzjani li jattendu id-Day Care Centre u ssir sezzjoni oħra f'ġurnata tas-Sibt għal benefiċċju ta' dawk ir-residenti li matul il-ġimgħa jkunu xogħol.  Għandu jiġi stabbilit ukoll jekk hemmx limitu ta' kemm nies jistgħu jattendu għal kull sezzjoni.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0348-16-I il-Kunsill qabel li jilqa t-talba tal-Enemalta biex tinbagħt STL *form* għal talba għal dawl ġdid fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa liema talba oriġinarjament kienet saret mill-Kunsill ta' Paola.  Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lil-Kunsill preżenti ta' Paola qed jgħid li din mhix fil-konfini tiegħu u tinsab fuq *circuit* tad-dawl tal-lokalita' ta' Santa Luċija.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 349-16-I il-Kunsill qabel li jipparteċipa fl-inizjattiva li ser issir fit-12 May 2016 bl-isem ta' *Light up the Night*. Is-Sindku qal li ser jieħu ħsieb biex l-entratura u l-funtana tal-ġnien jinxtegħlu bil-kulur blu. Il-Kummissarju tat-tfal u l-Kappillan għandhom jiġu wkoll infurmati u mħajra jipparteċipaw f'din l-inizjattiva.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 352-16-I il-Kunsill iddiskuta ittra ta' residenta li oġġezjonat għall-iskeda ta' knis u tindif ta' toroq li nbgħatet lir-residenti. Fil-kummenti tiegħu l-Kunsill innota li din l-iskeda ilha taħdem b'dan il-mod u l-pjan sar skond fuq dak li ġie nutat matul is-snin. Il-Kunsill innota wkoll li l-għan ta' dan l-eżercizzju hu lin-nies ikunu viġilanti fuq is-servizz li qed jingħata. Il-Kunsill qabel li jagħti ċans lil din il-*work plan* biex taħdem u lest jirranġha skond il-bżonn.

**3.12** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0353-16-I il-Kunsill innota li fil-futur qarib ser toħroġ sejħa għal fondi mill-unjoni ewropea għal proġetti taħt il-programm ERDF –Priority Axis 4 u 5. Is-Sindku u l-Kunsillier Liam Sciberras ikkonfermaw li kienu ser jattendu għall-laqgħa ta' informazzjoni li ser issir f'dan ir-rigward.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Website tal-Kunsill*

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tkellmet dwar l-offerti li ntefgħu għal bini ta' *Website* tal-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija. Hija qalet li hi flimkien mas-Sindku u flimkien mal-Inġinier inkarigat mill-Kunsill biex jevalwa dawn il-kwotazzjonijiet, kienu daħlu fid-dettal tal-offerti mitfugħa. Hija ppreżentat u qrat rapport imħejji mill-Inġinier dwar dawn l-offerti. Fir-rapport imsemmi ġie nutat li ISB Ltd li tefgħa l-orħos offerta, għandu kollox skond l-i*specifications* li ħareġ bihom il-Kunsill. L-istess rapport jissuġerixxi wkoll li għandha ssir laqgħa mas-Sur Darmanin d-Direttur ta' ISB Ltd. ħalli jiġi stabbilit id-disinn u l-istruttura tal-*website* u l-kontenut li ser jintuża. Ġie stabbilit lill-*website* ser tkun *user friendly* u li l-*updating* tal-*website* jista jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill wara li jingħatalhom it-taħriġ neċessarju.

### *4.2* *Budget 2016 – Final Draft*

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-*final draft* tal-*Budget* 2016 wara li l-estimi tal-*Budget* kienu approvati fil-laqgħa preċedenti. Hija qalet li peress li tlestiet Triq il-Ġnien id-*depreciation charge* tegħlet għal madwar €50,000.00 u l-*accountant* tal-Kunsill irrakkomandat li l-infieq jiġi mmoniterjat kull tlett xhur biex il-Kunsill ma jagħlaqx is-sena b'*deficit*.

### 4.3 *Quarterly Financial Report*

Il-Kunsill approva ir-raba' Financial Quarterly Report għas-sena 2015 li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2016 u l-31 ta' Diċembru 2016. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport huwa rifless fil-Financial Statements li kienu approvati mill-Kunsill fil-laqgħa ta' Frar 2016.

### 4.4 *Żuntier tal-Knisja*

Saret referenza għall-lista ta' proġetti li nbagħtet lil OPM u qamet diskussjoni fuq il-proġett taż-żuntier tal-Knisja. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħt ittra lil Perit Anton Camilleri dwar xi żviluppi li seta kien hemm fuq dan il-proġett. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha issir talba għall-laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi dwar dan il-proġett.

### 4.5 *Marki tat-toroq fi Triq il-Ġnien*

Il-Kunsill iddiskuta *e-mail* minn Trasport Malta li qed titlob li jsiru olterazzjonijiet fil-Keep Clear li hemm quddiem l-entratura tal-block III fi Triq il-Gnien u titneħħa r-*reserved parking* li hemm ma blokk III peress li dawn ma jidhirx li saru bil-permess. Il-Kunsill innota li l-*markings* tal-*keep clear* li hemm quddiem blokks minn I sa VII fi Triq il-Ġnien kienu hemm minn dejjem u dan l-aħħar ġew *reinstated* wara li sar ir-*resurfacing* ta' Triq il-Ġnien taħt l-iskema tal-PPP. Ġie nutat ukoll li mingħajr dawn il-*keep clear markings* kienu qed jiġu pparkjati vetturi eżatt fl-entratura tal-blokks u kien qed jinħoloq inkonvenjent serju lir-residenti. Il-Kunsill innota wkoll lir-*reserved parking bay* hija waħda '*communal*'. Il-Kunsill qabel li jitlob *site meeting* mad-Direttur tat-Traffic Management and Road Safety Department minħabba dan is-sit speċifiku, b'hekk il-Kunsill ikun jista' jispjega aħjar il-bżonn ta' dawn il-*keep clear markings.*

### 4.6 *Inkonvenjent f'Dawret it-Torri*

Il-Kunsilliera Caroline Galea tkellmet dwar inkonvenjent li qed jinħoloq f'Dawret it-Torri quddiem l-iskola tas-Saint Frances. Hija qalet li qed jifqu nies bil-karrozzi u jbattlu l-ikel li jifdlihom fuq il-ħaxix u l-bankina biex jitimgħu l-annimali. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u l-konsegwenzi li qed jinħolqu b'dan l-aġir u qabel li l-ewwel pass għandu jkun li ssir tabella b'avviż li jgħid li ħadd ma jista' jitma annimali f'din l-*area* u li min jinqabad jista' jeħel multa. Dan l-avviż għandu jsir kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

### 4.7 *Użu tal-Picnic Area għal riċeviment ta' tieġ*

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet talba għall-użu tal-Picnic Area għal riċeviment ta' tieġ. Hija qalet li qed tressaq din it-talba għall-attenzjoni tal-Kunsill peress li fil-

Bye-Laws m'hemmx indikat il-ħlas dovut għall-attivita' ta' din ix-xorta fil-Picnic Area. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-proposta u qabel li dan il-każ qed iqajjem il-bżonn li ssir emenda fil-Bye-Laws biex fiha jiġu nklużi l-ħlasijiet speċifiċi għal talbiet simili. Il-Kunsill wasal għal konklużjoni li l-ħlas għandu jkun bħal dak imsemmi fil-Bye-Laws għal użu ta' parti mill-ġnien peress lil-Picnic Area hija parti mill-Ġnien. Fir-rigward tal-użu tal-Ġnien għaċ-ċerimonija l-Kunsill ikkonferma wkoll li għandu jitħallas il-ħlas dovut skond il-Bye-Laws.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5986 sa numru BOV 6075 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn it-2 ta' Frar 2016 u l-11 ta' Marzu 2016.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 11-16(17-02-2016) u 12-16(29-02-2016)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Frar 2016 Ammont *Gross* € 5341.92

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Owen Borg | PCS (57-14-02) | Serv. Diċembru 2015 | 366.93 |
| Owen Borg | PCA (57-14-02) | Serv. Jannar 2016 | 366.93 |
| Owen Borg | PCA (57-14-02) | Serv. Frar 2016 | 366.93 |
| Owen Borg | Servizz Temporarju ta' Knis | Serv. għax-xahar ta' Frar 2016 | 900.00 |
| Ricky Caruana | RM/PF (57-15-02) | 01-2016 | 2863.11 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. Marzu 2015 | 347.10 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. April 2015 | 417.30 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. Mejju 2015 | 468.00 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. Gunju 2015 | 491.40 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. Lulju 2015 | 542.10 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. Awwissu 2015 | 493.35 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv.Settembru 2015 | 581.10 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv.Ottubru 2015 | 534.30 |
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. Novembru 2015 | 581.10 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | Serv. Diċembru 2015 | 395.85 |
| Joseph and Spiru Żammt | RC(57-14-01) | Serv. Frar 2016 | 1876.72 |
| ELC Ltd | PKG57 | Serv.Frar 2016 | 2061.50 |
| Nexos Street Lighting Ltd | SL(57-09-04) | 2010930 | 1991.70 |

### *5.4 Approvazzjoni għal xiri*

### *5.4.1 T-Shirts bil-logo tal-Kunsill*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' *T-Shirts* bil-logo tal-Kunsill għal ħaddiema assenjati mall-Kunsill għall-prezz ta' €8.00 'il wieħed.

### *5.4.2 Distribution Box fi Pjazza Dorell*

Il-Kunsill approva spiża ta' €807.25 VAT ink. għal bdil ta' *distribution box* u x-xogħolijiet relatati mal-installazjoni tagħha fi Pjazza Dorell.

### *5.5 Kiri ta' servizz ta' Emerġenza*

Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €33.28 għal servizz ta' emerġenza li ngħata matul ix-xahar ta' Novembru 2015, servizz li qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid.

6. **TENDER NO. (RR/PW) 57/16/01 – ROAD RESURFACING AND MAJOR PATCHING WORKS IN SANTA LUĊIJA**

Il-Kunsill fetaħ l-offerti li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija li kienet tagħlaq f'nofsinhar tal-llum it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016. Għal din l-sejħa intefgħu żewġ offerti dik ta' Schembri Infrastracture Ltd u dik ta' Dimbros. Il-Kunsill qabel li l-perit tal-Kunsill għandu jiġi nkarigat biex iħejji *adjudication report* fuq dawn iż-żewġ offerti biex il-Kunsill ikun jistgħa jasal għal deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

7. **TENDER NO. BR(57-16-01) – KUNTRATT GĦAL ĠBIR TA' SKART GOFF B'ĦARSIEN LEJN L-AMBJENT**

Il-Kunsill fetaħ l-offerta li ntefgħet għas-sejħa hawn fuq imsemmija li kienet talaq f'nofsinhar tal-llum it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016. Għal din is-sejħa ntefgħet offerta waħda dik ta' Ronald Bezzina li tefa' l-offerta tiegħu kif ġej:

| TENDERER | ADDRESS | TENDER AMOUNT | REMARKS |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | 8, Flat 1 Berghoff Flats, Triq id-Dulliegh, Żejtun | 3 Euro | per call per 3 items |

Il-Kunsill iddiskuta din l-offerta u qabel li dan il-Kuntratt jingħata lis-Sur Ronald Bezzina. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kunsill ħa inkonsiderazzjoni il-kuntratt ta' *bulky refuse* li Ronald Bezzina kellu mal-Kunsill f'dawn l-aħħar tlett snin u l-fatt li s-servizz dejjem ingħata b'effiċjenza u għas-sodisfazzjon tal-Kunsill.

8 **APPELLI FIL-QORTI – Kuntratt SS(57-15-03 Servizz ta' Knis u Tindif ta' Toroq b'Ħarsien lejn l-Ambjent**

Il-Kunsill iddiskuta l-Appell li sar fil-Qorti tal-Appell fuq il-każ li l-Kunsill għandu fir-rigward tal-Kuntratt SS 57-15-13 – Servizz ta' Knis u Tindif ta' Toroq b'Ħarsien lejn l-Ambjent. Saret referenza għall-ispejjeż legali li l-Kunsill qed jidħol fihom minħabba dan l-appell. Ġie propost li l-avukat tal-Kunsill jiftaħ kawża għad-danni li qed isofri l-Kunsill fuq dan l-appell sew danni finanzjarji kif ukoll danni fuq l-operat tal-Kunsill li qed jiġi affettwat ħażin minn din is-sitwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irid iżomm f'moħħu li huwa fid-dritt tal-kuntrattur li jappella'. Is-Sindku qal li l-kuntrattur ma jistgħax ibiddel l-akkużi tiegħu għax dawn quddiem il-PCRB ma kienux ġustifikati u joħroġ b'akkużi ġodda biex jisvija. Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li min jitlef l-appell iħallas għad-danni.

## 9 VAKANZA GĦALL-ASSISTENT PRINĊIPAL

Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar vakanza għall-Assistent Prinċipal fil-Kunsill ta' Santa Luċija. Hija qalet li hi u l-Uffiċċjal Eżekuttiv tal-Kunsill is-Sinjura Gatt kienu tkellmu fit-tul dwar xi punti li riedu jiġu ċċarati fir-rigward tas-sitwazzjoni preżenti. Hija qalet li fuq proposta tas-Sindku ser jibda jsir *staff meeting* darba fix-xahar biex il-problemi ma jitħallewx jeskalaw. Hija qalet li fiż-żewġ *meetings* li jmiss ser iservu biex jiġi stabbilit x'inhu mistenni minn din il-promozzjoni u dan għandu jwassal biex is-sinjura Louise Gatt tkun tista' tibda fil-kariġa ta' Assistent Prinċipal mill-1 ta' Mejju 2016.

Il-Viċi Sindku s-Sur Cutajar qal li l-ħsieb dejjem hekk kien u awgura li l-affarijiet jimxu 'l quddiem kif propost.

## 10. XOGĦOLIJIET

### 10.1 Ġnien is-Serenita'

Is-Sindku tkellem dwar xi xogħolijiet ta' manutenzjoni li għaddejjin fi Gnien is-Serenita'. Huwa qal li fuq suġġeriment tal-Inġinier li jieħu ħsieb id-dawl f'dan il-Ġnien qed jiġi propost li titħaffer pit wara l-funtana biex il-pompi li jħaddmu l-funtana ma jkollomx għalfejn isiru *submersible*. Huwa kompla jgħid lis-*submersible pumps* qed ikunu wisq għaljin biex tixtrihom. Huwa qal ukoll lis-*submersible pump* li kien hemm fil-funtana qed tituża biex isaqqu biha.

Is-Sindku tkellem ukoll dwar xi siġar li nibtu weħidhom u li hemm bżonn jinqalgħu. Semma wkoll xi *shrubs* li jistgħu jinżergħu f'dan il-ġnien u li ġew indikati lilu minn residenta intiża fuq il-ġonna. Il-Kunsillier Liam Sciberras ukoll ippropona xi idejat ta' kif jistgħu jiġu żvilluppati s-*soft areas*. Is-Sinkdu qal li dawn l-idejat ser ikun qed jiddiskutihom mal-ELC Ltd.

### 10.2 Proposti ta' xogħol fuq toroq u bankini

Il-Kunsill iddiskuta l-proposti hawn taħt elenkati biex jidħlu fil-pjan ta' xogħolijiet għat-tlett snin li ġejjin:

- **Triq Bruka - tinbidel il-bankina eżistenti fuq naħa waħda tat-triq u ssir bankina ġdida**
- **Wesa' bejn Triq Helen Buhagiar u Triq iż-Żnuber - titneħħa ċ-ċanta kbira tal-ħamrija, isir il-pavimentar u jiġu nstallati erba' bankijiet u żewġ lampi**
- **Xogħol ta' *major patching* fi Triq Pensjeri kantuniera ma' Triq Ġuljetta Lopez.**

- **Triq Għansar kantuniera ma' Triq Ġuljetta Lopez – titneħħa l-bankina eżistenti, tintneħħa l-ħamrija ta' ħdejn il-*boundary wall* li nbena riċentament, isiru *concrete slabs* u jiġu nstallati bankijiet u lampi ġodda**

- **Trejqet il-Petunja (parti) – jinbidel il-wiċċ eżistenti u jsir bil-*concrete* (area 18m x 5m)**

- **Trejqet il-Petunja (parti) – titneħħa l-bankina eżistenti, tneħħija tas-siġar eżistenti u *replanting* tagħhom, bini ta' bankina ġdida installazzjoni ta' qsari bankijiet u *lamp posts***

- **Triq il-Ġiżimin – *major patching* ta' parti mit-triq (10mx15m)**

- **Triq Dun M Mifsud – titneħħa bankina eżistenti u tinbena oħra ġdida, *stretch* ta' 55m**

- **Dawret it-Torri quddiem il-Ġirna – Kisi ta' din il-parti tat-triq**

Il-Kunsill qabel lil-perit tal-Kunsill għandu jħejji l-istimi ta' dawn ix-xogħolijiet ħalli l-Kunsill ikun jista' jagħmel il-prioritajiet tiegħu skond il-flus disponibbli.

**11. TMIEM**

Lejn tmiem il-laqgħa s-Sindku semma s-suċċess li qed ikollu t-*team* tal-Football ta' Santa Luċija u qal li xtaq jinkuraġixxi lir-residenti biex juru s-sapport tagħhom lejn dan it-*team*. Huwa awgura l-Għid it-tajjeb lil kulħadd. Il-Viċi Sindku ngħaqad mas-Sindku fl-awguri tiegħu u qal li meta jkun hemm nuqqas ta' qbil, dan ma jkunx b'mod personali.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 18 ta' April 2016 fl-4.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ……………….,..... ta' ………………… 2016**

**Terrence Ellul**
**Sindku**